BIRKIRKARA

Minuti tat-tnejn u ħamsin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016 fis-6pm.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta skużata)<br>Is-Sur Mark George Abdilla<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assent skużat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenta skużata) |
| **<u>L-Uffiċċjal:</u>** | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, is-Sur Kaylocke Buhagiar u l-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla. Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti skużata.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar iċ-*chairperson* is-Sur Matthew Mangion kien assent skużat.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenti skużata.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti s-Sur Christian Vella, il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 50 u 51

1.1 Il-minuti tal-laqgħat numru 50 u 51, ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom u l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondahom, ġew approvati unanimament.

## 2. Punti mqajjma mill-minuti

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-udituri ġibdulu l-attenzjoni dwar Kunsilliera partikolari li ma kinietx qegħda tattendi, u li kellu jirrapportaha. Huwa se jkun qed jibgħat l-attendenza lid-dipartiment biex dan jinvestiga jekk l-assenzi kienux ġustifikati. Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla qal illi hu mhux dejjem ikun jista' jiġi fis-sitta minħabba x-xogħol.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi quddiem il-Bord tal-Governanza hemm il-każijiet tal-V&C u f'waħda mis-seduti ssemmiet illi waħda mit-toroq suppost tħallset PPP jew minn Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li kien qed jirreferi għal Fonzu Maria Galea. Hu qal li għandna nġibu l-kont u ċ-ċertifikati kollha u ngħadduhom lil Transport Malta. Huwa qal ukoll illi importanti niċċekkjaw li r-rati li ħareġ kienu tal-PPP.

3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech infurmat lill-Kunsill illi kien hemm ftehim bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-AKL, u l-ANSEK biex il-*community workers* assenjati mal-Kunsill jibdew jieħdu *performance bonus* annwali fl-aħħar tas-sena mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jsir dan b'mod unanimu għal min jaħdem sew.

3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lis-Segretarju Eżekuttiv joħroq żewġ kwotazzjonijiet, waħda għal żewġ bibien tal-ħġieġ biex finalment titneħħa l-*partition* li hemm bejn l-istaff u n-nies kif ukoll kwotazzjoni għal *desks* ġodda uniformi għall-uffiċċju tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni dwar il-bibien u s-Segretarju Eżekuttiv ħa jiċċekkja tmurx kontra l-*collective agreement* jew ikunx hemm problema ma' l-*insurance*. Fil-każ immexxu.

3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne debono Grech qalet li wasalna għal ftehim mad-Dipartiment ta' l-Anzjani fejn dawn iħallsu kera ta' 11,267 euro f'sena, huma jħallsu d-dawl u l-ilma tagħhom u l-Kunsill jieħu ħsieb it-trasport hu, wara li joħroġ tender. B'hekk inkunu qed negħlbu l-problema ta' *direct order* lill-fornitur li bħalissa nħallsuh sitt xhur il-Kunsill u sitt xhur id-Dipartiment. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li għandha tintalab direzzjoni mid-Dipartimnet jekk nistgħux noħorġu *tender* għat-trasport jew le. Jekk id-Direttur ma joġġezzjonax, inkomplu għaddejjin.

## 4. Korrispondenza

4.1 Inqrat ittra mingħand l-impjegata Mandy Carly Farrugia li issa qed titlob estensjoni tal-*unpaid leave* sat-3 ta' Ottubru u li tirritorna taħdem 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 5. *Quarterly Financial Report*, Jannar-Marzu 2016

5.1 Il-konsulent finanzjarju s-Sur Christian Vella ppreżenta l-*Quarterly Financial Report*, li ġie ċċirkulat lill-membri tal-Kunsill ma' l-aġenda. Is-Sur Vella qal li in ġenerali *qegħdin in line* mal-*budget* kemm min-naħa ta' dħul kif ukoll ħruġ, u anke mill-figuri li bdew deħlin għat-tieni kwart tas-sena żammejna l-istess *trend*. Madankollu għad hemm d-dejn li jwassal għal indikatur finanzjarju negattiv. Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li r-reġjun se jerġa' jqassam xi flus waqt li l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa kemm għad fadal x'inħalsu tal-PPP bis-Sur Vella jgħidlu li għad fadal madwar 150,000euro. Il-*Quarterly Financial Report* ġie approvat mill-Kunsill bla oġġezzjoni.

## 6. Migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill, Direttiva numru 1 dwar migrazzjoni sħiħa għall-akkwist elettroniku. Hu qal li hemm bżonn insibu żewġ persuni li elettronikament jiftħu t-tenders. Dawn idealment ikunu staff peress li dawn in-nies ma jistgħux imbagħad jiffurmaw parti mill-kumitat ta' aġġudikazzjoni. Huwa ppropona grupp ta' erbgħa ħalli dejjem għall-inqas ikun hawn tnejn, li huma s-Sinjuri Ruth Stivala, Dorianne Pullicino, Elenora Naudi u Elaine Camilleri. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

6.2 Id-direttiva, fost oħrajn titkellem dwar il-*bid bond* fejn din se titneħħa fuq ammonti li ma jaqbżux in-nofs miljun.

6.3 Fuq dan l-isfond il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li fuq l-iskart hawn straġi, u jekk mhux se nieħdu ħsiebha issa se nkunu nfestati bil-ġrieden, speċjalment din is-sena billi ma għamlitx ħafna xita, il-frieħ ma mietux. Huwa qal li aħjar naraw x'se nagħmlu, jew il-kuntrattur tal-ġbir ta' skart jagħmel xogħlu sew jew nerġgħu nżidu l-iskips. Hu qal li s-Swatar speċjalment mhux jinġabar iż-żibel. Hawnhekk żvolġiet diskussjoni u s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-problemi ta' min joħroġ iż-żibel tard u min jarmi bl-addoċċ se tkun ittakiljata permezz ta' *cctv cameras*. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-problema hi li l-istess kuntrattur qed jagħmel l-istess f'Kunsilli oħra, u ma jistax ikun li kuntrattur jaħdem f'post ieħor ma' Birkirkara għax ma jkollux biex jaħdem. Il-Kunsillier is-Sur John Borg semma kif *Old Railway Street* ma nġabarx żibel is-Sibt u dan kellu jistenna sa' l-Erbgħa, anke jekk is-Segretarju ċempillu. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li meta ċċempel lill-kuntrattur dan irid jinżel dak il-ħin stess.

6.4 Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal li hemm bżonn li jitpoġġew aktar bins ħdejn il-McDonalds.

## 7. *Tender for the Services of a Quantity Surveyor*

7.1 Peress li t-*Tender for the services of a Quantity Surveyor* se jiskadi f'Novembru 2016, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jibda l-proċess biex t-tender jinħareġ mill-ġdid. Il-Kunsill qabel nem. con.

## 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti, skeda 36 u *Petty Cash*

8.1 L-iskeda tal-*petty cash* u tal-pagamenti 36 ġew approvati fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

## 9. Aġġornament

9.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 8 ta' Awwissu fis-6.30pm.

**IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq

http://www.birkirkaralocalcouncil.com/live-feed